**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 17 ta' Lulju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Ryan Briffa**
**(ID 169990(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ryan Briffa ta' 27 sena, imwieled fis-26 ta' Marzu 1990, bin Alfred Briffa u Maria Dolores Caruana, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 169990(M) u residenti gewwa Hal Qormi;

Akkuzat talli fis-16 ta' Lulju 2017 fil-hin ta' bejn l-10p.m. u l-10.45p.m. gewwa l-Gzira, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provisorja imposti fuqu b'digriet mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., liema digriet huwa datat 22 ta' Frar 2013, u dan peress illi fid-data msemmija huwa naqas li jhares il-kundizzjonijiet jew xi kundizzjoni li kienet imposta fuqu fl-imsemmi digriet kif kien obbligat li jaghmel u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Ryan Briffa u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat, kif ukoll tordna li

kwalsiasi garanzija sottomessa minnu rigward din il-liberta' provisorja tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta u dan skont kif stipulat fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti biex f'kaz ta' sejbien ta' htija titratta mal-imputat bhala recidiv b'diversi sentenzi li llum huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghex ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat bil-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provisorja moghtija lilu minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, nhar it-22 ta' Frar 2013 u dan stante illi huwa gie nnutat barra wara l-hin tar-rinkazar. Skont l-istess digriet, l-imputat ghandu jirrinkaza fit-8.00 p.m., izda skont l-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri, huwa gie nnutat barra ghall-habta tal-10.45 p.m.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u bhala gustifikazzjoni ghall-fatt li huwa kien jinsab barra wara l-hin tar-rinkazar, huwa jghid illi kien fi triqtu lejn l-isptar. Biss wara li semghet ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li waqqfu lill-imputat, li dak il-hin kien fil-kumpanija ta' certu Paul D'Amato, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi li kieku l-imputat verament kien fi triqtu lejn l-isptar, kif jallega hu, allura huwa ma kienx jghaddi mit-triq li effettivament ghadda minnha. Fil-fatt huwa gie nnutat hiereg minn Valley Road, l-Imsida, jibqa' ghaddej minn quddiem it-*traffic lights* li jinsabu quddiem il-Kazin tal-Partit Laburista fl-Imsida, u jikser il'fuq ghal Triq Rue d'Argens, biex finalment waqaf gewwa Triq Testaferrata, il-Gzira u dan qabel ma gie mwaqqaf mill-pulizija. Certament li kieku l-imputat kien verament sejjer l-isptar, kif jallega hu, ma kienx jaqbad din it-triq biex finalment jispicca fi Triq Testaferrata, izda kien johrog minn Valley Road, kif ghamel u jitla' mill-ewwel 'il fuq lejn l-Universita`, fejn allura kien jigi hdejn l-istpar. Il-Qorti tqis ukoll illi mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li waqqfu lill-imputat jirrizulta car illi l-imputat ma lmentax b'ugiegh f'sidru la meta gie mwaqqaf minnhom u lanqas fi triqtu lejn il-*lock up* gewwa l-Furjana, izda kien biss meta wasal fil-*lock up* u beda jigi mistoqsi certu mistoqsijiet mis-Surgent tal-Pulizija fl-istess *lock up*,

li huwa lmenta ghall-ewwel darba li kellu dan l-ugiegh. Tinnota wkoll illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat kien izjed mohhu f'dak li kien sehh jew ma sehhx erbat ijiem qabel meta skont hu, waqqfuh il-pulizija fis-1 a.m. u ma gara xejn, milli bir-raguni ghaliex qal li kien sejjer l-isptar. Tqis ukoll in oltre dak li qal Paul D'Amato lill-pulizija fil-mument li dawn waqqfu lill-imputat, li ghalkemm baqa' *detto del detto* ghaliex D'Amato ma xehedx f'dawn il-proceduri, biss il-Qorti tista' tqisu bhala prova li dan il-kliem intqal, ghalkemm mhux prova tal-veracita` tieghu. PC 1189 Jurgen Falzon xehed illi D'Amato beda jghid illi l-imputat kien ser jiehdu l-isptar u li beda jurihom sidru biex bhal jindika li kellu xi problemi ta' sahha, tant li l-istess PC 1189 kemm il-darba offra lil D'Amato li jcempillu ghal ambulanza, izda dan baqa' jirrifjuta. Tqis ukoll ix-xhieda tal-imputat u l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u tghid minghajr tlaqliq, illi l-imputat ma kien kredibbli xejn. Finalment, jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi ghalkemm l-imputat ittiehed gewwa l-Isptar Mater Dei sabiex isirulu xi testijiet, dawn irrizultaw fin-negattiv u in oltre ghalkemm gie rrakkomandat lilu sabiex jibqa' l-isptar ghal izjed testijiet, huwa rrifjuta li jinzamm u dan skont hu, ghaliex ried ikellem lill-avukat!

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-15 ta' Gunju 2017 u dan fil-konfront ta' Ryan Briffa. Mill-istess sentenza jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' multa ta' elf Euro, izda ma ngabitx prova illi din il-piena giet skontata ossia mhallsa jew mahfura, u ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat recidiv biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat li hija wahda pjuttost refrattarja u illi kemm mill-istess fedina penali, kif ukoll mis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni li saret referenza ghaliha fil-paragrafu precedenti, jirrizulta illi din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputat intab hati talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provisorja. Is-sentenza tal-15 ta' Gunju 2017 fil-fatt tirreferi ghal ksur identiku li sehh fl-istess jum u ghalhekk appena xahar qabel il-kaz odjern. Tqis ukoll illi ghalkemm l-imputat kellu jirrinkaza fit-8.00 p.m., huwa kien ghadu barra kwazi tliet sighat wara dan il-hin.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tirrevoka *contrario imperio* id-digriet li permezz tieghu l-hati nghata l-helsien mill-arrest minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, nhar it-22 ta' Frar 2013 u tordna l-arrest mill-gdid tieghu u in oltre tordna l-konfiska tas-somma ta' tliet elef Euro (€3,000), rapprezentanti l-garanzija personali imposta fuq il-hati permezz tal-imsemmi digriet, favur il-Gvern ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat